MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 440/1998/1

**Emanuel u Alfreda konjugi Ellul**

**vs**

**Francis Ellul kemm f'ismu proprju u kif ukoll bhala mandatarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' hutu Dominic Ellul u Maria mart Joseph Brincat, Antonia Sultana, John Ellul, Lina Ellul in rapprezentanza ta' wliedha minuri Brian u Adrian ahwa Ellul, u Frances Debono u b'digriet tal-27 ta' Marzu 1998 gew nominati l-Avukat Dr Veronica Aquilina u l-P L Edgar Montanaro bhala kuraturi deputati biex jirraprezenaw lill-imsiefra Anna mart Anthony Tonna u b'digriet tat-12 ta' Settembru, 2000 l-Avukat Veronica Aquilina giet sostitwita b'Avukat Dr Tonio Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fl-4 ta' Marzu, 1998, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

Illi l-attrici ghall-perjodu bejn id-9 ta’ Gunju 1989 sat-3 ta’ Frar 1993, ipprestat servigi, kura u assistenzi lill-mejta Kristina Ellul, omm l-istess attur;

Illi fl-imsemmi perjodu l-attrici ghamlet lill-imsemmija Kristina Ellul x-xoghol kollu tad-dar, il-hasil tal-hwejjeg, xiri u tisjir, daret biha fi zminijiet ta’ mard, haditha l-isptar ghal viziti li kellha bzonn, u rrangat sabiex saritilha l-operazzjoni f’saqajha;

Illi dan kollu sar b’telf ta’ ‘leave’ li ghalih hija ntitolata l-attrici mill-impieg taghha fl-isptar San Luqa u minghajr ma rceviet l-ebda kumpens;

Illi l-konvenuti huma l-werrieta tal-imsemmija Kristina Ellul, u, ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lill-attrici, anke permezz ta’ atti gudizzjarji, baqghu inadempjenti;

Talbu lill-konvenuti proprio et nomine jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tillikwida prevja, jekk mehtiega, d-dikjarazzjoni li l-attrici rrendiet servigi, kura u assistenza lil Kristina Ellul, jekk mehtieg bl-ghajnuna ta’ Perit minnha mahtur, dik is-somma li jidrilha xierqa u gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi resi mill-attrici fil-perjodu fuq indikat, inkluza l-likwidazzjoni ta’ somma ekwivalenti ghall-valur ta’ ‘leave’ mitluf mill-attrici biex irrendiet is-servigi msemmija; u
2. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ April, 1993 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Ottubru, 1997, ipprezentata kontra l-konvenuti, li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-atturi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dr Veronica Aqulina u il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-imsiefra Anna mart Anthony Tonna f’dawn il-proceduri;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dottor Veronica Aquilina u l-Prokuratur Legali Edgar Monanaro tas-26 ta’ Marzu 1999, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi sad-data tal-prezentata ta’ dan l-att, huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt taghhom li jecepixxu fi stadju ulterjuri;
2. Illi titlob dina l-Qorti sabiex jogghobha tordna illi l-atturi ghandhom jghaddulhom dik l-informazzjoni necessarja sabiex huma jkunu jistghu jikkomunikaw mal-konvenuta minnhom rapprezentata;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Ellul pro et noe tat-8 ta’ April 1999, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-mejta Christina Ellul baqghet f’sahhitha sa ftit qabel mietet u l-atturi ma prestaw l-ebda servigi lill-istess Christina Ellul.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jecepixxu illi l-atturi hadu minghand Christina Ellul hwejjeg ta’ valur, flejjes kontanti u anke deheb b’dan minghajr ma kellhom dritt ghalih;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta’ Francis Ellul pro et nomine;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Settembru 2000 li permezz tieghu issostitwiet lil Dr Veronica Aquilina b’Dr Tonio Azzopardi bhala kuratur deputat;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti, rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tas-17 ta' Jannar 2007;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tal-20 ta' Marzu 2007;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza illi l-atturi fethu sabiex il-Qorti taghtihom kumpens talli huma ipprestaw servigi u assistenzi lill-mejta Kristina Ellul, omm l-attur Emanuel Ellul ghall-perjodu bejn id-9 ta' Gunju, 1989 sad-3 ta' Frar, 1983.

Illi irrizulta mix-xiehda prodotta illi l-attur ghamel affidavit fejn qal illi fil-perjodu in kwistjoni, jigifieri bejn Gunju 1989 u Frar 1993, martu Alfreda Ellul kienet regolarment tiehu hsieb lil ommu. Huwa spjega li matul dan iz-zmien huwa kien gharus ma Alfreda Ellul u izzewgu wara li ommu kienet mietet. Fiz-zmien in kwistjoni huwa kien ghadu jghix ma ommu. L-attur kompla jispjega illi l-gharusa tieghu Alfreda kienet tigi fid-dar ta' ommu meta kienet tinzerta off duty u dana peress li Alfreda kienet tahdem l-isptar San Luqa. L-attur xehed ukoll illi martu, dak iz-zmien l-gharusa tieghu, kienet tigi ghand ommu kuljum meta kienet tkun off duty minbarra l-Hadd u kienet taghmel xoghol tal-hasil, tindif, xiri u tisjir. Skond l-attur, Alfreda kienet ukoll tmur ma ommu l-isptar kull meta dan kien mehtieg u dan kemm qabel, kif ukoll wara l-operazzjoni li ommu kienet ghamlet ghall-habta ta' Settembru 1989. Skond hu, hu stess kien iwassal lil ommu bil-karozza u kien iwassal ukoll lil Alfreda l-isptar ghal dawn il-viziti. L-attur kompla jixhed illi hadd minn hutu ma kien jiehu interess fil-kundizzjoni ta' ommu u kienu biss hu u Alfreda li kienu jiehdu hsiebha u jiehduha l-isptar kull meta jkun hemm bzonn.

Illi Alfreda Ellul ukoll ghamlet affidavit fejn qalet li bejn Gunju 1989 u t-3 ta’ Frar 1993 hija prestat servigi, kura u assistenza lil Kristina Ellul, li tigi omm zewgha Emanuel Ellul, kif ukoll l-omm jew in-nanna tal-konvenuti. Fiz-zmien in kwistjoni, hija kienet ghadha gharusa mal-attur li kien jghix u joqghod fl-istess dar ma ommu. Hija xehdet illi kienet taghmel il-facendi kollha mehtiega peress li Kristina Ellul kienet tbaghti bl-artrite u ma kienet tista taghmel xejn. Alfred Ellul kompliet tixhed illi kienet tkun tista taghmel dan kollu peress li kienet tahdem Security l-isptar b’shift day in day out. Fil-gurnata li kienet tinzerta barra, jigifieri li ma kienitx tkun xoghol, kienet taghmel ix-xoghol kollu mehtieg fid-dar ta’ Kristina Ellul, kienet tnaddaf, tahsel il-hwejjeg, tixtri u issajjar b’mod regolari. Kienet taghmel kollox wahedha u hadd mill-konvenuti ma kien jghinha. Skond Alfrida kien hemm biss okkazjoni wahda meta Lela (li tigi mart il-konvenut Francis Ellul) haslet l-art fir-residenza ta’ Kristina u dan fi zmien meta l-istess Francis Ellul u martu kienu qed jippruvaw jintoghgbu ma Kristina u kienu ukoll jghidu diskors kontra taghha u kontra zewgha lill-istess Kristina. Alfreda kompliet tghid fl-affadavit taghha illi ghall-habta ta’ Settembru 1989 Kristina Ellul kellha tigi operata l-isptar u minhabba din l-operazzjoni Kristina kellha taghmel zmien twil fis-sodda, peress li ma setghetx timxi. Minhabba f’hekk hija hadet tmintax il-jum leave mix-xoghol biex tiehu hsieb lil Kristina. Ghal xahar shih wara l-operazzjoni kienet tiehu lil Kristina ghal fizjoterapija l-isptar. Skond hi, ghal tlett snin u nofs wara l-operazzjoni kienet tiehu lil Kristina l-isptar f’outpatients unit tal-medicina, oftalmologija, ENT, ortopedija u ohrajn. Dan kienet taghmlu tlett darbiet fix-xahar. Hija kompliet tghid illi Kristina Ellul mietet fit-3 ta’ Frar 1993 wara li kienet giet operata mill-gdid wara ksur. Hija baqghet tiehu hsieb lill-istess Kristina sal-gurnata tal-mewt taghha. Skond Alfreda Kristina kienet tapprezza ix-xoghol kollu li kienet taghmel hi ghaliha u fil-fatt kien hemm okkazzjoni meta kienet qaltilha li xtaqet tikkumpensaha billi tiktbilha il-fond fejn kienet tirresjedi, izda skond hi, qaltilha biex dan ma taghmlux peress li kienet tistenna li hut l-attur kienu jaqalghu l-inkwiet. Alfreda kompliet tghid fl-affidavit taghha li wara li mietet Kristina hut l-attur ma riedux

jikkumpensawha ghas-servigi li kienet ghamlet ma Kristina u esebiet mal-affidavit taghha zewg ittri datati 16 ta' April 1993 u 8 ta' Gunju 1993 li l-avukat Dr Frank Cassar kien baghat lill-konvenuti ghan-nom taghha. Kienu ghamlu wkoll ittra bil-Qorti fis-17 ta' Ottubru 1997 illi wkoll annettiet kopja taghha mal-affidavit taghha, izda il-konvenuti baqghu ma ikkompensawhiex u kien ghalhekk li kellha taghmel din il-kawza.

Illi l-atturi esebew affidavit datat 13 ta' Ottubru 2003 ta' certu Father Raymond Cassar, illi qal fl-affidavit tieghu illi bejn l-1988 u s-sena 2000 kien stazzjonat bhala vici kappillan fil-parocca ta' Sant Andrija Hal-Luqa u jiftakar illi ghal madwar perjodu ta' sentejn jew ftit aktar, sa kemm mietet is-Sinjura Kristina Ellul, huwa kien imur regolarment izurha kull nhar ta' Gimgha biex iqarbinha fir-residenza taghha u dan bejn wiehed u iehor kien bejn l-1990 u l-1993. Father Raymond Cassar kompla jghid illi kull meta kien imur biex iqarben lis-Sinjura Kristina Ellul kien isib hemmhekk lis-Sinjura Alfreda Ellul, li dak iz-zmien kien kunjomha Pace peress li kienet ghadha ma izzewgitx. Effettivament, sussegwentement kien hu stess li zewweg lil Alfreda Pace mal-attur f'Marzu tal-1993, wara li mietet Kristina Ellul. Father Cassar ikkonferma kemm minn dak li kien jara meta kien izur lill-istess Kristina Ellul, kif ukoll minn dak li kienet tghidlu l-istess Kristina Ellul, illi s-Sinjura Alfreda Ellul kienet regolarment tiehu hsieb lil Kristina Ellul. Huwa qal illi sahhet Kristina Ellul kienet tehtieg l-ghajnuna ta' xi hadd u kienet proprju Alfreda Ellul li kienet tghinha.

Illi wara li l-atturi ikkonkludew il-provi taghhom bdew bil-provi taghhom il-konvenuti u effettivament il-konvenut Francis Ellul ipprezenta affidavit fejn qal illi l-fatti mhumiex kif qalu l-atturi fl-affidavit taghhom. Huwa qal illi ommu mhux vera li kienet marida u mixhuta f'sodda ghal perjodu twil ta' zmien. Ommu kellha d-dijabete, izda ma kellha l-ebda mard iehor. Lejn l-ahhar ta' hajjitha kienet tuza l-bastun, pero' baqghet kwazi sal-ahhar taghmel kollox hi. Ma kienitx tkun trid min jindahlilha fil-facendi u kienet tiqazzez tiekol minn taht idejn haddiehor u kienet ukoll supperva hafna fil-facendi li taghmel. Il-konvenut Francis

Ellul kompla jghid illi mhux talli l-attrici ma daritx b'ommu, izda meta kienu imorru fil-fortizza ta' Benghajsa peress illi l-attur kien rabbi xi annimali hemm hekk huma kienu isajjru hemm u dan xi erba' darbiet fil-gimgha. Francis Ellul kompla jghid illi wara li miet missieru huwa kien jghaddi ghand ommu xi darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha, kien imur jixtrilha dak li jkollha bzonn u gieli anke wassalha bil-karozza. Hi kienet ukoll tohrog tixtri u gieli iltaqa maghha barra u jaraha sejra tixtri. Huwa xehed li anke huh John Ellul kien imur spiss ghandha ghaliex huma kienu familja maquda. Spjega li tlieta minn hutu huma imsiefrin. Nina Sultana, ohtu, kienet tmur ta' spiss ghand ommu u kienet l-eqreb wahda lejn ommu. Izda illum il-gurnata ohtu Nina hija mejta. Francis Ellul kompla jixhed illi l-attur Emanuel Ellul kien ghamel zmien ma ikellimx lil ommu u precizament dam xi xahar. Ommu kienet iddispjacuta fuq hekk u kienet tghidlu "ara daqsxejn jidhol fis-saghtejn ta' filghodu u lanqas biss jigi jara jekk inhiex hajja jew mejta". Huwa xehed illi Emanuel kien ghadu guvni u kemm il-darba kien dahal ghand ommu fis-sakra f'xi l-erbgha ta' filghodu. Skond Francis Ellul, darba ohra mar ghand ommu u sabha tibki u qaltlu illi l-atturi kienu qeghdin jghafsuha biex tiktbilhom kollox. Izda ommu kienet qaltlu li minkejja l-pressjoni kollha hija ma rieditx thallilhom kollox ghaliex l-ohrajn kienu wkoll uliedha u kien ghalhekk li Emanuel Ellul ma baqax ikellem lil ommu. Francis Ellul kompla jghid li meta ommu mietet kellha 74 sena u hi baqghet tahsel l-art sal-ahhar u kien ghalhekk illi zelqet, kisret saqajha u haduha l-isptar. Skond hu, wara li waqghet ommu huh Emanuel, l-attur kien rega beda ikellem lil ommu. Ommu damet gimgha jew ftit aktar sa kemm mietet u minn meta dahlet l-isptar ma regghetx harget hajja. Huwa xehed illi ommu riedet taghmel l-operazzjoni ghaliex riedet terga timxi, ghaliex riedet tibqa taghmel l-affarijiet taghha hi. Izda l-operazzjoni ma felhitx ghaliha u sfortunatament mietet. Francis Ellul kompla jghid illi Alfreda Ellul ma kienitx nurse, izda kienet jew security jew telephone operator. Huwa cahad illi hi u zewga daru b'ommu u qal illi mhux talli ma taw xejn lil ommu, izda ommu kienet qaltlu li kienet tathom xi flus u skond hu, meta darba sab lil ommu tibki, ommu kienet qaltlu "u zgur issa hadu li riedu," u hu

fehem illi ommu kienet qed titkellem fuq flus ghaliex hi ma kitbitilhom xejn aktar fit-testment. Il-konvenut Francis Ellul kompla jghid fl-affidavit tieghu illi ma jistax ikun minnu illi ommu riedet taghti kollox lil Alfreda u Alfreda ma rieditx ghaliex bezghet minn hut l-attur, ghaliex kieku skond hu ma kienitx taghmel din il-kawza u tipprova tiehu dak li ma haqqhiex. Huwa xehed ukoll illi hu u hutu fethu kawza ohra kontra l-atturi ghaliex l-atturi niffdu l-post mikri lilhom mal-post ta' ommu. Huwa xehed ukoll illi hu u hutu wara li mietet ommu krew lill-atturi wiehed miz-zewg postijiet tal-wirt u l-atturi qabdu u niffdu dan il-post mal-unika post li huma setghu ibieghu u kien ghalhekk li kellhom jifthu kawza dwar dan.

Illi l-konvenut John Ellul ukoll ipprezenta affidavit u qal illi huwa kien imur jara lil ommu darbtejn fil-gimgha u gieli anke erba' darbiet fil-gimgha u kien johrogha kull nhar ta' Hadd. Huwa xehed illi kull meta kien imur ghand ommu qatt ma ra lil Alfreda taghmel xejn u ma kienitx tkun hemm hekk spiss ghaliex kienet ghadha gharusa ma l-attur Emanuel u hafna mill-hin kienu jaghmluh fil-Fortizza ta' Benghajsa. John Ellul xehed ukoll illi kien hemm zmien meta l-attur ma kienx ikellem lil ommu, izda ommu xorta kienet issajjarlu u hu ma kienx jieklu vendikazzjoni. Huwa xehed illi mhux talli l-atturi ma kienux iduru b'ommu, izda talli ommu baqghet sal-ahhar issajjrilhom l-ikel ghax jibqghu jieklu l-fortizza. Il-konvenut John Ellul kompla jixhed illi ommu sal-ahhar ta' hajjitha baqghet taghmel kwazi kollox hi, izda jaf li certa Angela (Lina) Ellul kienet gieli tmur tixtrilha u gieli xtratilha wkoll mara ohra li minghalih jisimha Carmela. Izda ghal tisjir u indafa u hasil ta' hwejjeg ommu kienet taghmel kollox hi. John Ellul kompla jixhed illi l-mara ta' Frans gieli kienet tmur ukoll. Finalment John Ellul qal illi l-atturi fethu din il-kawza ghaliex il-konvenuti fethulom kawza talli l-atturi niffdu l-post li bi pjacir krewlhom ma post iehor tal-wirt u ghalhekk ghamlu din il-kawza bi tpattija.

Illi Angela Ellul ukoll ipprezentat affidavit u qalet illi Alfreda kienet tahdem l-isptar bhala operator, umbaghad qalbet ghal xoghol ta' security. Angela Ellul xehdet illi Kristina Ellul qatt ma iddependiet mill-atturi u qatt ma kienet fis-

sodda u tista tghid fic-cert illi Kristina dejjem haslet il-hwejjeg taghha u ippreparat l-ikel hi, mhux biss ghaliha, izda anke ghall-atturi. Angela Ellul kompliet tixhed illi fl-1989 Kristina Ellul kellha bzonn taghmel operazzjoni. Wara li harget mill-isptar Kristina ghamlet perjodu ta' zmien tghix ma bintha Antonia u f'dan il-perjodu mhux biss Antonia kienet tiehu hsieb ta' ommha, izda anke ta' huha l-attur Emanuel u l-attrici Alfreda kienet tiekol sikwiet ghand Antonia. Angela Ellul xehdet illi Kristina kienet qaltilha illi riedet tmur lura go darha u ma tibqax thabbat lil bintha u fil-fatt hekk ghamlet, irrittornat lura f'darha u regghet bdiet issajjar u tahsel il-hwejjeg. Angela Ellul xehdet illi mhux l-ewwel darba li kienet tmur tahslilha l-art u tixtrilha u Kristina Ellul kienet tghidilha illi x-xirja kienu jaghmluhielha il-girien u dana peress illi Kristina ma kienitx tabbuza timxi fit-tul. Rigward il-hwejjeg, meta hi kienet toffrilha tahsilhomha kienet tghidilha "la irrid indejjaq lil binti u lanqas lin-nisa ta' uliedi". Angela Ellul kompliet tixhed illi Kristina kienet tipprepara t-torti lill-atturi u kienet taghtihomlha biex tahmihomlha d-dar taghha. Angela Ellul kompliet tixhed illi wara li Kristina harget mill-isptar baqghet tmur l-isptar ghal xi visti. L-appuntamenti kienet tirrangahomha Alfreda meta kien imissha xoghol u dan kienet qalithulha l-istess Alfreda peress illi ma riedtix titlef il-leave minhabba l-visti ta' Kristina. F'Jannar 1993 Kristina kienet waqghet u kisret saqajha u ittiehdet l-isptar minn fejn ma regghetx harget hajja. Qabel Jannar 1993, skond Angela Ellul, Kristina kienet taghmel kwazi kollox hi u ma kellha bzonn lil hadd hlief li xi kull tant xi hadd kien imur jixtrilha, u gieli wkoll xtrawla l-girien, u gieli marret ukoll tixtri hi stess.

Illi xehdet ukoll permezz ta' l-affidavit certa Maria Carmela Farrugia illi qalet illi toqghod f'Indri Micallef Street, Luqa u kienet ilha toqghod hemm hekk xi 26 sena. Hdejha kienet toqghod Kristina Ellul u hija kienet tkellimha minn fuq il-bejt. Is-Sinjura Farrugia xehdet illi Kristina kienet kbira fl-eta, izda kienet b'sahhitha u kienet tmur it-tombla u l-coffee mornings. Ix-xhud kienet tmur tixtrilha ta' spiss, xi tlett darbiet fil-gimgha. Kienet tixtrilha minghand il-grocer, minghand tal-haxix, minghand tal-laham u anke mill-ispizerija. Ix-xhud qalet illi Kristina kellha kollox fi pjan

wiehed u kienet taghmel l-affarijiet taghha hi. Kienet mara nadifa u ma tantx kienet tkun trid min imissilha l-affarijiet ghaliex kienet duttura fl-indafa. Is-Sinjura Farrugia kompliet tixhed illi kienet tmur ghand Kristina filghodu kwazi kulljum u ma kienet tara lil hadd hemm hekk, izda kienet taf illi binha Emanuel kien joqghod maghha ghax kien ghadu guvni. Dwar l-gharusa tieghu Alfreda, qalet li qatt ma ratha hemm hekk u hi gieli marret ukoll filghaxija ghand Kristina. Ix-xhud kompliet tghid illi lejn l-ahhar ta' hajjitha Kristina kienet tuza ftit il-bastun, pero' xorta kienet taghmel l-affarijiet kif tista. Fil-fatt meta haduha l-isptar ix-xhud kienet inhasdet. Is-Sinjura Farrugia kompliet tixhed illi sa qabel ma haduha l-isptar, Kristina kienet tahsel l-erba bicciet hwejjeg taghha hi stess u tonxorhom fil-bitha biex ma titlax tarag, u kienet issajjar hi u kienet issajjar ukoll lil binha Emanuel. Skond hi, ma tafx jekk l-gharusa ta' Emanuel qatt ghamlet xi haga lil Kristina. Hija xehdet li taf lil Lina Ellul u anke lil mara ta' Frans li jisimha Lela. Pero' qatt ma rat lill-gharusa ta' Emanuel. Ix-xhud xehdet li lil Ganni u lil Frans gieli inzertathom hemm u Frans gieli hadilha il-basket tal-haxix u tal-laham. Hija kompliet tixhed illi Kristina qatt ma qaltilha li l-gharusa ta' Leli kienet tmur tghinha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici, in kontro-ezami, ikkonfermat illi ghall-habta ta' l-1989 wahda mill-girien li kien jisimha Karmena kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Hamis kienet tmur tixtri xi haga lil omm ir-ragel. Nhar ta' Tnejn kienet tixtrilha il-pizzelli mill-Monti u ix-xema, filwaqt li nhar ta' Hamis kienet tmur tixtrilha xi haxix u hi gieli inzertat lil din il-mara ghand omm ir-ragel b'mod partikolari nhar ta' Tnejn filghodu. L-attrici in kontro-ezami xehdet illi qabel in-1989 omm ir-ragel kienet issajjar lilha u lil zewgha u anke wara l-1989 kien hemm xi okkazzjonijiet fejn kienet issajjrilhom. Hi xehdet illi kienet tlesti l-ikel minn gurnata qabel lil omm zewgha. Karmena kienet tigi kull nhar ta' Hamis, izda mhux dejjem, darba iva u darba le, U skond l-attrici, Karmena qatt ma sejjhet lil din il-mara biex tixtrilha, izda din il-mara kienet tkun sejra l-Monti u kienet tghaddi u tistaqsiha jekk tridx xi haga.

Ikkunsidrat :

Illi Father Ray Cassar xehed bil-gurament fis-26 ta’ Mejju 2005 fejn ikkonferma l-ewwel pagna tal-affidavit tiegu datat 13 ta’ Ottubru 2003, izda qal illi l-konkluzzjoni, cioe’ l-ahhar paragrafu kien ghamlu l-Avukat Dr Vella u ghalhekk huma ma jistax jikkonferma dan l-ahhar paragrafu ta’ l-imsemmi affidavit tieghu. Huwa xehed illi huwa ghamel affidavit iehor fid-19 ta’ Jannar 2004 u ipprezentah waqt ix-xhieda tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi kien mar jaghmel l-affidavit ghand Dr Ritienne Fenech. Lin-Nutar kien qalilha x’tikteb fl-ewwel pagna u jikkonferma l-ewwel pagna tal-affidavit tieghu, filwaqt li l-ahhar paragrafu kien idettah Dr Chris Vella. Skond ix-xhud, Dr Fenech kienet qaltlu li wara li kien ghamel dan l-affaidavit tieghu ma kienx ser jersaq lejn il-Qorti. Dwar it-tielet paragrafu tal-affidavit tieghu, ix-xhud qal illi huwa kien imur iqarben lil Kristina Ellul kull nhar ta’ Gimgha filghodu, izda gieli mar il-kappillan. Meta kien imur filghodu, kien imur ghall-habta tad-disgha u nofs. Kristina Ellul dan iz-zmien kienet timxi bil-mod. Kien ikellimha ftit u jitlaq u ghalhekk ma jistax jghid jekk kienitx taghmel l-affarijiet taghha hi stess. Izda ikkonferma illi hi ma kienitx fis-sodda. Alfreda Ellul kwazi dejjem kienet tkun hemmhekk u kienet iggiblu xi café. Mistoqsi jekk Kristina Ellul kienitx qaltlu jekk kienx hemm xi hadd idur biha, huwa xehed illi dak li kienet tghidlu Kristina Ellul kienet tghidulu taht is-sagrament tal-qrar u ghalhekk ma setghax jizvelah. Ix-xhud rega tenna dwar il-konkluzzjoni li hemm fl-ewwel affidavit tieghu illi l-konkluzzjoni ghamilha Dr Vella u mhux hu. Ix-xhud rega’ xehed illi ma jaqbilx mal-affidavit ghaliex skond hu dahku bih ghaliex hu kien minghalih li ma kellux jitla l-Qorti. Ix-xhud kompla jghid illi Alfreda Ellul kienet tkun hemm, kienet iggiblu l-café u tiftahlu l-bieb, izda ma jafx x’kienet taghmel iktar. Hu kien joqghod ikellem lil Kristina Ellul u Alfreda kienet titlaq x’imkien. Umbaghad kien jiftah il-bieb ta’ barra u jitlaq wahdu. Ix-xhud Father Ray Cassar kompla jixhed illi bejn l-ewwel affidavit tat-13 ta’ Ottubru 2003 u l-affidavit tad-19 ta’ Jannar 2004 kien ha parir minghand tlett avukati u kien ghalhekk li kien ghamel it-tieni affidavit tieghu. Hu kien

minghalih illi jekk jaghmel l-affidavit ma jidholx il-Qorti u ghalih huwa ihoss illi gie ingannat. Ix-xhud qal illi huwa ghamel it-tieni affidavit ghaliex ma setghax jikkonferma l-ahhar paragrafu ta l-ewwel affidavit tieghu. Ix-xhud kompla jghid illi huwa kien ha parir minghand tlett avukati qabel ma kien gie ikellmu Francis Ellul, u skond hu, l-avukati kienu qalulu sabiex jistenna lil xi hadd tal-kontro-parti jigi ikellmu. Dan kien qalulu l-avukat tal-kurja u zewg avukati ohrajn. Huwa kompla jixhed illi l-atturi kienu qalulu li dan kien semplicement affidavit u ma jitlax il-Qorti u ghalih ingann li wara li ghamel affidavit ircieva tlett citazzjonijiet u cioe' tahrikiet biex jidher il-Qorti. Huwa xehed illi wara li sar l-ewwel affidavit inqralu minn nutar u gie ukoll spjegat lilu minn Nutar izda fl-ahhar storda u qabad u iffirma u minghalih li daqshekk Qrati. Huwa ikkonferma li l-ewwel affidavit kien inqralu minn Nutar mill-bidu sal-ahhar qabel ma iffirmah u igguramentah. L-affidavit gie ittajpjat kollu minn Nutar. Ix-xhud kompla jghid illi huwa kien mar ghand in-Nutar Cilia biex jaghmel it-tieni affidavit u kien mar mieghu Francis Ellul. Huwa kien iddetta kollox lin-Nutar ghaliex kellu pariri ta' tlett avukati. Huwa ma jidhirlux li n-Nutar Fenech fl-ewwel affidavit spjegatlu l-ahhar paragrafu, izda huwa xehed illi qrah. In kontro-ezami ix-xhud qal illi Alfreda Ellul l-attrici kienet cemplitlu biex jaghmel l-affidavit. Staqsietu jekk kienx jiftakar xi haga dwar Kristina Ellul u qaltlu li kienet ser tharrku bhala xhud. Kienet qaltlu li jekk jaghmel l-affidavit ma jkollox ghalfejn jitla l-Qorti. Ix-xhud kompla jixhed illi ghalhekk huwa hass illi kienet haga zghira u li mhux ser jitla l-Qorti. L-atturi kienu marru ghalih u haduh jaghmel l-affidavit Bir id-Deheb. Lin-Nutar ma kienx jafha qabel. In-Nutar qratlu l-affidavit u jaf ezatt li fl-ahhar storda. Dak iz-zmien ma kienx jiflah diga u huwa ibaghti mid-dijabete. Francis Ellul kien ukoll kellmu biex jaghmel kontra affidavit. Ix-xhud qal illi la Francis Ellul u lanqas xi haddiehor mill-konvenuti ma qalulu biex jaghmel it-tieni affidavit, izda kienet l-ghazla tieghu. Huwa xehed ukoll illi lanqas l-atturi ma haduh biex jaghmel l-affidavit bil-fors. Il-konvenut Francis Ellul waslu ghand in-Nutar Cilia ghaliex huwa ma jistax isuq. Francis kien kellmu fuq il-kaz, pero' huwa qallu car li kien diga ha parir minghand tlett avukati u effettivament kien diga ha dan il-parir qabel

ma kien kellmu Francis Ellul. Huwa kien ha ukoll parir minghand il-kugin tal-partijiet certu Ninu Ellul illum mejjet biex jirrangaw bejniehom izda ma irnexxielhomx jiftehmu. Ix-xhud kompla jghid illi wara li ghamel l-affidavit kien urih lil sacerdot li kien qallu “x’mort taghmel?” Kif induna kien mar ghand tlett avukati biex jiehu parir. Skond hu, kien is-sacerdot li qallu li l-ahhar paragrafu kienet konkluzzjoni li hu ma setghax jaghmilha ghaliex hu ma jistax jghid x’kien jigri fid-dar. Huwa ried jaghmel it-tieni affidavit ghaliex ried jiehu hsieb il-persuna tieghu ta’ sacerdot u xehed illi l-Isqof Guzeppi Mercieca ukoll jaf b’dan il-kaz. Illi effettivament fit-tieni affidavit tieghu Father Raymond Cassar irrefera ghall-ewwel affidavit tieghu tat-13 ta’ Ottubru 2003 u ikkonfermah kollu hlief ghall-ahhar paragrafu. Huwa qal fit-tieni affidavit tieghu illi qieghed jaghmel dan ghaliex meta sar l-ewwel affidavit kien ghadu qieghed jirkupra minn sahhtu peress li kien marid dak iz-zmien u l-ahhar paragrafu kien nizlu u iddettah l-avukat li kien prezenti bhala dak li huwa sejjah konkluzjoni, minghajr ma lilu spjegalu ezattament x’kien qieghed jikteb. Ghalhekk huwa qieghed ihassar l-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu 13 ta’ Ottubru 2003 qisu qatt ma kien ghal din ir-raguni.

Illi xehdet Maria Carmela Farrugia in kontro-ezami u ikkonfermat l-affidavit taghha. Hija xehdet illi kienet taf li Dun Raymond kien imur iqarben lil Kristina kull nhar ta’ Gimgha. Hija ikkonfermat ukoll illi lill-attrici ma kienitx taraha ta’ spiss fil-post ta’ Kristina Ellul, gieli kienet taraha diehla u hierga. Hija kienet tmur taqdi lil Kristina Ellul peress li Kristina ma setghetx tohrog minhabba li kienet tbaghti b’riglejha. Kienet tmur kulljum ghand Kristina Ellul ghall-habta tat-tmienja ta’ filghodu u kienet iddum hemmhekk mhux aktar minn nofs siegha sakemm kienet tghidilha x’ghandha bzonn u hi kienet tmur taqdiha. Hija ikkonfermat ukoll illi dak iz-zmien it-tifel ta’ Kristina Ellul, u cioe’ l-attur Emanuel Ellul, kien jghix maghha u meta kienet tmur ghand Kristina Ellul kienet tara lill-attur diehel u hiereg.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu a skorta tal-gurisprudenza nostrana illi min jallega xi haga irid jippruvaha.

Illi l-atturi ma irnexxielhomx igibu l-ebda xhud indipendenti sabiex jikkonferma dak illi qeghda tallega u cioe' illi ipprestat servigi lil Kristina Ellul. Alfreda Ellul, l-attrici, xehdet illi kienet tahsel l-art ta' omm zewgha, issajjrilha, tmur tixtrilha u tehodha l-isptar. Qalet ukoll illi hadet diversi granet leave u ta' dan tippretendi li tigi ikkompensata.

Illi kif diga intqal, l-attrici ma irnexxielha tressaq lil ebda xhud indipendenti sabiex jikkonferma dak illi qeghda tallega. Ghal dak illi jirrigwarda l-granet tal-leave, kien ikun ferm facli ghall-attrici illi tressaq lil xi hadd inkarigat mill-leave section ta' l-isptar San Luqa biex jikkonferma illi fil-fatt hija hadet il-granet tal-leave, precizament tmintax il-gurnata leave, fil-perjodu in kwistjoni, izda l-attrici ma ressqet l-ebda xhud in sostenn ta' din l-allegazzjoni taghha.

Illi l-atturi ipprezentaw affidavit ta' Father Raymond Cassar, datat 13 ta' Ottubru 2003, izda pero' l-istess Father Raymond Cassar ipprezenta affidavit iehor li huwa issejjahlu kontro-affidavit, fejn hassar u ikkancella l-ahhar paragrafu ta' l-ewwel affidavit tieghu u dan wara li, kif xehed hu stess, ha parir minghand tlett avukati differenti u anke tkellem mal-Isqof. Father Raymond Cassar hassar l-ahhar paragrafu ta' l-ewwel affidavit tieghu ghaliex skond hu dan il-paragrafu ma iddettahx hu, izda iddettah l-avukat ta' l-atturi. Father Cassar, anke meta gie ippressat in kontro-ezami, kompla issostni u ittenni li ma setghax jghid min kien effettivament jiehu hsieb lil Kristina u xehed li huwa ma kienx jaf x'jigri f'darha u ma kienx jaf jekk kienitx kapaci taghmel il-facendi u issajjar jew le. Huwa xehed illi l-atturi kienu qalulu biex jaghmel l-affidavit u huwa ghamlu ghaliex hass li kienet haga zghira peress li kienu weghduh illi una volta jaghmel l-affidavit ma kellux ghalfejn jitla l-Qorti u sussegwentement meta irceva tlett tahrikiet sabiex jitla jixhed il-Qorti hassu ingannat. Huwa xehed illi kif l-atturi kienu wasluh biex jaghmel l-ewwel affidavit il-konvenuti, jew uhud minnhom, wassluh biex

jaghmel it-tieni affidavit, izda huwa kien diga ha parir minghand tlett avukati qabel ma avvicinawh il-konvenuti u sostna li ghamel it-tieni affidavit tieghu b’mod volontarju.

Illi kull ma kellu xi jghid Father Raymond Cassar dwar l-attrici kien illi meta kien imur sabiex iqarben lil Kristina, l-attrici kienet tiftahlu l-bieb u kienet taghmillu café, izda umbaghad kienet tohrog u huwa dejjem kien jiftah il-bieb tad-dar wahdu u johrog wahdu mill-bieb.

Ikkunsidrat :

Illi ta’ min izomm f’mohhu illi kienet haga normali illi l-atturi kienu jkunu aktar ghand Kristina mill-konvenuti u dana peress illi l-konvenuti kienu kollha mizzewgin waqt illi l-attur kien ghadu jghix ma ommu peress illi kien gharus lill-attrici fiz-zmien in kwistjoni.

Illi ghalhekk hija haga normali ferm illi gharusa tmur ghand omm l-gharus sabiex tara lill-gharus u mhux necessarjament sabiex tippresta servigi lil ommu u jekk hija kienet tidher hemmhekk aktar milli kienu jidhru l-konvenuti dan ma kienx necessarjament iffisser illi kienet qeghda tmur hemm hekk sabiex taghmel servigi ghaliex fil-perjodu in kwistjoni hija ma kienitx mizzewga u ma kienitx toqghod ghal rasha ma zewgha, izda kienet gharusa lill-attur.

Illi punt iehor rilevanti ferm illi ma gie bl-ebda mod kontraddett mill-atturi huwa illi Kristina kriet post lill-attur b’kera baxx ferm ta’ tmenin lira fis-sena. Kritilhom ukoll garaxx b’kera baxx ferm u filwaqt illi huwa minnu illi l-attrici baghtet zewg ittri lill-konvenuti sabiex ihallsuha ta’ servigi u dawn l-ittri tnejn minnhom huma mibghuta fl-1993, l-atturi istitwew din il-kawza biss fl-1998. Il-konvenuti jghidu li l-atturi ipprezentaw din il-kawza wara li kienu l-istess konvenuti li fethu kawza kontra l-atturi peress illi dawn nifdu il-fond mikri lilhom b’kera baxx minn Kristina Ellul ma kamra minn fond iehor appartenenti lil Kristina Ellul, liema fond huwa proprjeta tal-werrieta kollha.

Illi kif diga intqal, l-atturi bl-ebda mod ma ippruvaw jichdu jew jinnegaw dan il-fatt.

Illi punt iehor ukoll ta' rilevanza huwa illi l-attrici issemmi fl-affidavit taghha illi Kristina riedet tikteb kollox lilha u lil zewgha l-attur, izda kienet l-istess Alfreda, l-attrici li zammitha milli taghmel hekk ghaliex bezghet illi hut l-attur jaqalghu l-inkwiet.

Illi mhuwiex verosimili illi xi hadd jibza minn hut l-attur u jimpedixxi lil Kristina milli thallilu kollox, izda umbaghad hames snin wara mewtha jistitwixxi kawza sabiex ifittex lil hut zewgha ghal servigi li allegatament ipprestat.

Ikkunsidrat :

Illi filwaqt illi l-unika xhud indipendenti imressaq mill-atturi, Father Cassar ghamel kontro-affidavit fejn irtira l-konkluzzjoni illi hemm imnizzla fl-ewwel affidavit tieghu, l-istess ma jistax jinghad ghall-konvenuti, illi mhux talli xehdu u ikkontradixxew dak li qalu l-atturi fis-sens illi il-konvenuti Francis Ellul u John Ellul it-tnejn xehdu illi ommhom kienet titqazzez, ma kienet tkun trid tiekol minn idejn hadd u kienet dittura fejn tidhol l-indafa u ghalhekk ma kienet tippermetti lil hadd jaghmlilha l-facendi hu.  Il-konvenut Francis Ellul xehed illi huwa kien imur jara lil ommu ta' spiss, kif anke xehed huh John Ellul u Francis Ellul xehed li kien iwassalha kull fejn kien ikollha bzonn. Apparti minn hekk, oht Francis Ellul, Nina Sultana, kienet tmur ta' spiss ghand ommha u kienet anke daret biha wara l-ewwel operazzjoni li kienet ghamlet, izda Nina Sultana ma setghetx tixhed f'dawn il-proceduri peress illi kienet lahqet mietet.

Illi Angela Ellul xehdet illi kienet tmur ta' spiss ghand Kristina izda lil Alfreda ma kienitx taraha hemmhekk ta' spiss.  Hija ikkonfermat illi Kristina ma kienet tiddependi fuq hadd u baqghet taghmel kollox hi sal-ahhar, hlief ghal perjodu ta' zmien meta marret tghix ma bintha, Antonia, Nina, sakemm tirkupra.  Izda una volta irkuprat riedet tmur lura f'darha sabiex ma tkun ta' pis fuq hadd.

Illi l-konvenuti tellghu jixhdu lil certa Maria Carmela Farrugia illi kienet garha ta' ommhom, u din xehdet u anke telghet tixhed in kontro-ezami fejn bl-ebda mod ma irtirat jew biddlet ix-xiehda taghha.

Illi Maria Carmela Farrugia xehdet illi hija kienet tmur tixtri ta' spiss lil Kristina, kienet tqisha bhala ommha ikkonfermat ix-xhieda tal-konvenuti fis-sens illi Kristina kienet taghmel il-facendi kollha hi u xehdet illi lil Alfreda u lil Emanuel, l-atturi, kienet tarahom dehlin u hergin, u dan huwa normali peress illi, kif diga kellha l-opportunita li tesprimi din il-Qorti, dawn kienu jkunu hemmhekk ta' spiss peress li ma kienux ghadhom izzewgu u Emanuel kien guvni dak iz-zmien u kien jghix ma ommu u ghalhekk hija ferm plawzibbli ix-xhieda li tat Maria Carmela Farrugia fis-sens illi kienet tara lill-atturi dehlin u hergin mir-residenza ta' Kristina ta' spiss. Izda ukoll Maria Carmela Farrugia xehdet illi kienet tara lil Kristina fuq il-bejt tonxor. Sussegwentement kienet tmur taraha ta' spiss u kienet taf li kienet tahsel u tonxor hwejjigha fil-bitha biex ma titlax it-tarag u hi kienet tmur tixtrilha ta' spiss. Is-Sinjura Farrugia xehdet ukoll illi mhux talli hadd ma kienx issajjar lil Kristina, talli Kristina kienet issajjar lill-atturi u dan ta' spiss.

Ikkunsidrat :

Illi jibqa l-fatt ukoll illi Kristina kriet garaxx u dar lill-atturi b'kera baxx u dan il-fatt mhu bl-ebda mod michud mill-atturi.

Illi lanqas ma hu michud mill-atturi illi l-unika parti tal-wirt illi fadal hija dar ohra illi maghha l-atturi ippruvaw inniffdu u jiehdu kamra maghha.

Illi l-atturi lanqas ma cahdu illi l-konvenuti irrispettaw il-kirja illi ghamlet ommhom lilhom u il-konvenuti ma fethu l-ebda kawza sabiex jippruvaw jattakkaw din il-kirja u l-atturi sal-lum il-gurnata igawdu din id-dar u dan il-garaxx b'kera baxx.

Ikkunsidrat :

Illi mill-kumpless kollu tal-provi il-Qorti tara illi hija ferm aktar probabbli u plawsibbli x-xiehda u l-verzjoni tal-fatti illi taw il-konvenuti, specjalment tenut kont tal-fatt illi huma ressqu xhud indipendenti, Maria Carmela Farrugia, illi cahdet illi l-atturi ipprestaw is-servigi li qed jippretendu li ipprestaw lil Kristina Ellul, waqt illi l-atturi ma irnexxielhomx ittelghu lanqas xhud wiehed biss indipendenti in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-atturi ma irnexxielhomx jippruvaw it-talbiet taghhom ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif gej :
billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet kollha attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------